**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**20 ta' Diċembru, 2020**


# ALLA TAR-RIGALI

Qegħdin fi żmien li fih nagħtu u nirċievu r-rigali. In-novena ta' din is-sena għandha bħala tema li Alla wkoll jagħti r-rigali matul ħajjitna kollha u b'ħafna modi. Fil-fatt l-istess ħajja tagħna, din l-eżistenza li bdiet b'tikka li żviluppat fi bnedmin irġiel u nisa, hija rigal kbir. Meta twelidna konna rigali għall-ġenituri tagħna. Illum aħna stess għandna għax nirringrazzjaw lil Alla Ħallieq. L-istess ġenituri tagħna, li tana l-Missier huma rigal. Forsi l-familja tixbah lil ġarra mxellfa, li tagħmel l-ilma. Imma l-familja perfetta ma teżistix. Ejjew nirrikonoxxu li meta aħna nieħdu ħsieb il-familja tagħna, meta aħna nħossuna komdi fil-preżenza ta' xulxin, inkunu għarafna l-valur tal-familja.

Barra l-familja għandna dawk il-ħafna persuni li qegħdin hemm barra, li huma rigali li tana l-Mulej. Xħin filgħodu kmieni inti tmur il-ħanut u ssibu miftuħ, rodd ħajr għal dan ir-rigal ta' persuna li taqdik billi tqum kmieni minħabba fik. Hemm tant kategoriji ta' nies li jgħinuna: it-tabib, il-pulizija, il-ħaddiem tal-bank, il-koki fir-ristoranti, in-ners fl-isptar, il-kennies li jżomm it-triqat nodfa, dawn huma kollha rigali ta' Alla għalina.

Hemm rigali li nirċevuhom u ma jkollniex aptit inħarsu lejhom, forsi lanqas inkunu rridu noħorġuhom mir-wrapping paper u l-"kaxxa" li jinsabu fihom. Filwaqt li Papa Franġisku jgħidilna li l-foqra u l-immigranti għandhom ikunu "rigali" li jagħtuna l-opportunità ngħixu l-Fidi u l-Karità, ħafna drabi nippreferu nħarsu lejn in-naħa l-oħra. Ir-rigali tal-ħolqien, ta' kulma pprovdielna l-Mulej huma motiv ta' ringrazzjament kontinwu. Il-Mulej tana l-ħolqien, rigal tal-għaġeb, immens, imma li huwa fraġli u jesiġi r-rispett tagħna. Fil-lejl tal-Milied se nilqgħu fostna lis-Salvatur, dak li huwa dejjem magħna, ir-Rigal il-Kbir li tana l-Missier. L-isbaħ rigal li nistgħu nagħtu huwa d-duwa li min hu marid, il-maħfra lil min naqasna, l-imħabba li min hu mwarrab, it-tislima mill-qalb ta' "Il-Milied it-Tajjeb". Dan l-awgurju huwa turija tax-xewqa tagħna li t-Twelid ta' Ġesù jkun okkażjoni ta' ferħ fil-qalba tagħna u tiġdid tal-impenn miegħu li nkunu dejjem rigali għal xulxin.

***L-Arċipriet***




Ser tiġi organizzata velja tal-Milied għaż-żgħażagħ (minn sittax-il sena 'l fuq) tal-Parroċċa kollha **nhar l-Erbgħa 23 ta' Diċembru fis-7:30pm.** Din il-velja se ssir f'kull parroċċa f'Għawdex.

## AVVIŻI OĦRA:

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** nhar it-Tnejn fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù mill-10:00am sal-11:00am. Din se tkun immexxija mill-grupp *Jesus is Alive*. Kulħadd mistieden.

**PROGRAMM TAL-MILIED FUQ MNARJALIVE.COM:** is-Soċjetà tal-Museum qed taħdem fuq Kunċert tal-Milied li ser jittella' fuq mnarjalive.com nhar il-Milied fis-7:00pm fl-istess ħin li s-soltu kien isir il-programm tant mistenni fil-knisja tagħna. Inħajrukom tarawh onlajn u tgħaddu dan il-messaġġ lill-familjari u ħbieb. Grazzi lil dawk kollha li b'xi mod ħadmu u għenu biex dan il-kunċert ikun possibbli.

**IR-RIVISTA *IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX*:** Dawk li jixtiequ jabbonaw fir-Rivista djoċesana "Il-Ħajja f'Għawdex", li toħroġ kull xahar u kollha bil-kulur, jistgħu jagħmlu dan għall-prezz ta' €20 fis-sena. Wieħed kulma għandu jagħmel hu jikteb ismu u l-indirizz, u jgħaddihom flimkien mal-ħlas fl-Uffiċċju Parrokkjali jew inkella jkellem lil Maria Attard. Wieħed jista' jżur ukoll il-Paġna ta' Facebook "Il-Ħajja f'Għawdex" fejn jista' jabbona onlajn.

**GĦANDEK BŻONN CARER PART-TIME?** Carer li toqgħod fin-Nadur stess tixtieq tagħmel ftit sigħat xogħol filgħaxijiet. Min ikollu bżonn carer ikellem lil Antonia Vella fl-Uffiċċju Parrokkjali u din tagħtikom aktar tagħrif.

## 'In Praesepio' - Il-Ġrajja tal-Ewwel Milied

Wirja fil-miftuħ organizzata mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Sezzjoni Nadur.
Dar Dun Franġisk Grima, Triq it-Tiġrija, in-Nadur.

Is-Sibt 19 ta' Diċembru: 5:00pm - 7:00pm
Il-Ħadd 20 ta' Diċembru: 5:00pm - 7:00pm
Jum il-Milied: 5:00pm - 7:00pm
Is-Sibt 26 ta' Diċembru: 5:00pm - 7:00pm
Il-Ħadd 27 ta' Diċembru 5:00pm - 7:00pm

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am